# 79. David

Għajjien mit-taqbida m'għedewwa bla ħniena,
xebgħan mit-tifħir fuq ir-rebħa miġjuba,
imdejjaq mid-dija ta' tron kollu ġnienem,
baxx baxx telaq waħdu jistrieħ taħt ħarruba.

Għad-dell taz-zkuk ħoxna sab żiemel lewn wiżgħi,
b'għajnejh żewġt iġmamar, b'geddumu sewdien;
"B'daż-żiemel imissni għad-dar ta' tfuliti",
qal David ġo qalbu, "niġġerra waħdien".

U qabad u rikeb u tah in-niggieża,
u ż-żiemel widnejh malajr waqqaf u tar
bħall-vleġġa, jiġġerra mat-toroq tar-raba',
il-bogħ'd mill-miġemgħa tal-belt u mid-djar.

Ilebbet, iħabbat, iballat, isabbat,
isammar in-n'għal fuq il-ħaġar u l-blat,
bir-ragħwa ma' sidru, bi sħaba ma' denbu,
ilebbet, ilebbet avolja bla swat.

U fl-aħħar sab ruħu fuq ħotba sabiħa
fejn naqra ta' raħal jiżżerżaq sal-wied;
u ra fost ir-rziezet id-dar ta' tfulitu
bit-twieqi magħluqa tixxemmex fis-skiet;

U sema' t-tħaxwixa tal-baħar imdieheb
tas-sbul u t-twerżiqa mal-ħajt tal-werżieq,
u sema' lill-merħla għaddejja bħax-xita
li tħaxwex ġot-torba u l-ġebel tat-triq.

Ħass għafsa ġo qalbu li stejqret mid-diqa,
u telaq lejn daru, w qagħad jifli fis-skiet
kull ħaġa li fadal mill-wirt ta' missieru,
kull ħaġa mimlija b'għeżież tifkiriet.

U lemaħ faxx iswed mal-ħajt ta' ġol-bitħa
fejn ommu l-kenur kienet tqabbad fl-għaxija,
u lemaħ it-toqob fejn kienet l-ixkaffa
bil-qsari tal-qronfol ħamrani taz-zija.

Ħass ruħu sar tfajjel u neża' l-kuruna
u x-xettru u l-mantar, u libes l-ilbies
ta' r'għaj, u ħa l-merħla ta' ħatnu u l-ħatar
u l-arpa u mar jirgħa bin-ngħaġ taħt is-sies.

U ftakar fl-għaxiji li għadda mal-merħla,
u f'kemm lilha mexxa mal-ħdura tal-wied,
fil-għana li għanna fuq l-arpa ferrieħa,
f'kemm ħares lill-merħla mad-dbejjeb fil-ġlied.

Il-baħar tal-ħajja kien kaxkru mill-ħemda
tal-wied u mill-għożża ta' ommu w mid-dar,
u tefgħu f'taqliba ta' ħajja beltija
u ġagħlu jiġġieled taqbida mill-kbar.

U ġietu bħal lehma li f'dan iż-żmien kollu
hu kien qisu l-merħla, l-Mulej kien ir-Ragħaj...
u nesa x'kien jagħmel, ħa l-arpa fi ħżiemu,
u beda salm ħlejju li dwa ħaj ħaj:

"Mulejja r-ragħaj tiegħi, xejn lili ma nonqos,
jeħodni fil-moxa ħadrana nistrieħ;
jisqini mix-xmajjar, iseddaq lil ruħi,
jeħodni mat-toroq tas-sewwa w tal-ġieħ;

"Għalkemm jiena nimxi fil-wied fejn idallam
id-dell tal-mewt kiefra ma nibża' minn xejn,
għax Int dejjem miegħi, qatt minni ma twarrab,
il-ħatar u l-qasba ta' idejk fuqi t-tnejn;

"Il-mejda jhejjili quddiem il-għedewwa;
jidlikni biż-żejt, kusi mbarraġ ifur;
it-tieba u l-ħniena sal-mewt jimxu miegħi,
u fl-aħħar ġo daru għal dejjem immur."

Ix-xemx kienet nieżla mat-tmiem ta' dil-għanja
u David inġabar mal-merħla ġwejdija,
u wara li trejjaq bi ħbejża bil-baqta,
mar jorqod fil-qiegħa tal-kwiekeb għad-dija.

Filgħodu kif żernaq id-dmir lilu sejjaħ
biex jerġa' għat-taqbida tal-ħajja beltija;
ħass għafsa ġo qalbu u għala li ġġieled
u rebaħ u qatel lill-ġgant ta' Golija.

"Għax kieku," qal David, "jien għadni mal-merħla
niġġerra, nithenna, u ndomm il-għanjiet;
għalija biżżejjed bukkun b'naqra baqta,
x'hemm isbaħ minn ħajja mgħoddija fil-kwiet?"

Id-dmir baqa’ jsejjaħ, iż-żiemel iżhirlu,
u David bla qalb kellu jitlaq u jtir;
’mma f’qalbu max-xettru, tad-deheb mal-kuruna,
taħt mantar imwarrad bid-deheb u l-ħarir,

Ħa rokna li baqgħet għal dejjem raħlija,
li tirgħa l-imrieħel u tgħanni xi salm,
tgħix ħajja bla frugħa fis-skiet u fil-ħemda
t’oasi ċkejkuna tas-siġar tal-palm.